MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2009

Numru. 343/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARIA ANNA MICALLEF**

**KONTRA**

**NICOLE PISANI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nicole Pisani ta’ 28 sena, bint Edwin u Maria Aloisia nee’ Arrigo, mwielda San Giljan nhar it- 8 ta’ Otturbu 1980, residenti fil- fond 2,Sqaq Nru. 5, Triq is- Siggiewi, Zebbug u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 464980(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 16 ta’ Frar 2008, ghall- habta tas- 6.45am, waqt li kienet qed issuq vettura numru EAX 698 tal-ghamla Fiat, fi Triq it- Torri Sliema;

1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti, involontarjament ikkagunat hsara fuq vettura numru EAX 698 tal- ghamla Fiat, liema hsara tiskorri l- elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1, 164.69) ghad- dannu ta’ Claudia Mifsud u/ jew persuni ohra;
2) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti involontarjament ikkagunat hsara fuq vettura numru JBL 714 tal- ghamla Leyland, liema hsara tikosrri l- elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad- dannu ta’ Reuben Barun u/jew persuni ohra;
3) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura numru EAX 698 tal- ghamla Fiat b’manjiera traskurata;
4) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura numru EAX 698 tal- ghamla Fiat b’manjiera perikoluza
5) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura numru EAX 698 tal- ghamla Fiat bla kont

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 328(d) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u 15 (1) (a) (2) tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna hlas tal- ispejjez ghal elf, hames mija u tlieta u sebghin ewro (€1,573) fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------